



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

13354/16

SOC 627
EMPL 423

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/KUNSILL
Nru dok. preċ.: 12586/16 SOC 562 EMPL 372	
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol - Ħatra tas-Sinjura Jonna JONSSON, membru supplenti għall-Iżvezja, minflok is-Sinjura Anne-Sofie DALENG, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sinjura Anne-Sofie DALENG bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Iżvezja).
2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/C 218/01, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Iżvezja nnomina lill-kandidata li ġejja biex tissostitwixxi lill-membru supplenti li rriżenjat għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2019:

Is-Sinjura Jonna JONSSON
Departementssekreterare/Desk Officer
Arbetsmarknadsdepartementet/Ministry of Employment
SE-103-33 STOCKHOLM
Tel.: + 46 8 405 26 03
Fax: + 46 8 543 564 09
Indirizz elettroniku: jonna.jonsson@gov.se

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru supplenti fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

fil-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003¹ li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2016² il-Kunsill ħatar lill-membri u lill-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2019.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sinjura Anne-Sofie DALENG, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-gvern tal-Iżvezja nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

² ĠU C 79, 1.3.2016, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sinjura Jonna JONSSON hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sinjura Anne-Sofie DALENG, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

=====